# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

## Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 19 ta' Mejju 2000

**Numru 36**

**Citaz. numru 684/90 DS**

Guido Bonello Ghio bhala direttur u in rapprezentanza ta’ Wembley Ice-Cream Factory Limited
vs
Michael Vella

Illum, 19 ta’ Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-19 ta’ Gunju 1990 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi:

Is-socjeta attrici bieghet u debitament ikkonsenjat kunsinni ta' cikkulata u ta' "aluminium foil" u "chocolate moulds" lill-konvenut ghall-prezz ta' hames mija u zewg liri Maltin (Lm502) hekk kif specifikat fl-invoice hawn annessa bhala Dok. "A".;

Il-konvenut baqa' ma hallasx ghalkemm gie interpellat diversi drabi;

talab lil din il-Qorti;

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u zewg liri Maltin (Lm502)

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 24 ta' Ottubru 1989, tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Marzu 1990 u tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni u bl-interessi legali mid-data tal-kunsinna kontra l-konvenut li, minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta billi ghalkemm huwa minnu illi l-eccipjent xtara l-oggetti imsemmija fic-citazzjoni, ic-cikkulata konsenjata ma kienitx tal-kwalita pattwita u ma kienitx adattata ghax-xoghol li ghalih kien intiz u ghalhekk il-prezz mhux dovut u l-attur nomine ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn, wara li ppremetta illi:

Fi Frar 1989 il-konvenut, li jahdem bhala confectioner, xtara minghand l-attur nomine kwantita ta' cikkulata sabiex huwa jahdem l-istess cikkulata f'bajd tal-Ghid u helu iehor tac-cikkulata.

Il-konvenut ftiehem espressament illi din ic-cikkulata ma kelliex ikun fiha xaham.

Meta c-cikkulata giet ikkonsenjata l-konvenut beda jdewwibha sabiex jahdimha u sab illi din kien fiha persentagg qawwi ta' xaham u b'hekk ma setax jahdem din ic-cikkulata.

Ghalhekk ic-cikkulata konsenjata ma kienitx adatta ghax-xoghol intiz u inoltre ma kienitx tal-kwalita pattwita u kieku l-konvenut kien jaf b'dan ma kienx jixtri c-cikkulata u ghalhekk il-konvenut sofra hsara u danni kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

L-attur nomine interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni baqa' inadempjenti;

talab lil din il-Qorti:

1. tirrexxindi l-bejgh tac-cikkulata fuq imsemmija ghaliex ma kienitx tal-kwalita pattwita u/jew ghaliex ma kienitx adatta ghax-xoghol li ghalih kien intiz u/jew ghaliex kien hemm vizzju ta' kunsens tal-konvenut;

2. tiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut, tillikwida l-istess danni u tikkundanna lill-attur jhallas lill-konvenut is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjes kontra l-attur nomine inkluzi dawk ta' protest tat-3 ta' Lulju 1990 liema attur nomine huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur nomine ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn qal:

1. Illi l-kontro-talba tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta peress illi m'huwiex minnu li c-cikkulata lilu mibjugha kellha ammont eccessiv ta' xaham, anzi kienet ta' kwalita' normali li dolceriji ohrajn hadu minnha u ma kellhom l-ebda problemi biex jahdmuha;

2. Illi mhux minnu li l-konvenut ma hallasx il-kont dovut ghax ic-cikkulata ma kienitx kif miftiehem, imma ghaliex inizjalment il-konvenut inghata xahar kreditu;

3. Illi l-attur bl-ebda mod ma hu responsabbli ghall-pretizi danni ghaliex ic-cikkulata kienet tajba u kieku ried il-konvenut seta' rritornaha lura fi zmien ragjonevoli;

4. Illi l-ftehim bonarju ma kienx possibli minhabba l-attegjament tal-konvenut.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet tal-31 ta’ Ottubru 1990 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Tonio Mallia bhala perit legali bl-assistenza tal-perit tekniku Rose Schembri biex jirrelataw dwar it-talba ta’ l-attur wara li jiehdu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, tal-kontro-talba tal-konvenut u tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenut;

Rat id-digriet tad-29 ta’ April 1992 fejn ghall-imsemmija Rose Schembri gie sostitwit Joseph Pace;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali u dik tal-perit tekniku minnhom mahlufa fit-8 ta’ Frar 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Is-somma mitluba mill-attur nomine ta' Lm502 tikkomprendi Lm210 ghal aluminium foil u chocolate moulds u Lm292 ghal cikkulata. Mill-eccezzjonijiet tal-konvenut, kif ukoll il-kontro-talba u x-xiehda tieghu jirrizulta li m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-foil u l-moulds u li l-kontestazzjoni tirrigwarda c-cikkulata li jsostni ma kenitx tal-kwalita` pattwita.

Il-konvenut huwa dulcier u ordna c-cikkulata minghand is-socjeta` attrici biex jaghmel "chocolate bars" u "Easter eggs". Huwa qal li ghal dan l-iskop ordna cikkulata mhux bix-xaham. Meta dewweb ic-cikkulata li giet konsenjata lilu, pero`, nduna li tela' x-xaham fil-wicc. Huwa xorta pprova jahdimha u jbieghha izda ma gitux tajba. Ghalkemm ilmenta dwarha mal-proprjetarju, dan ma riedx jehodha lura. Meta xehed in kontro-ezami qal li hu ma jafx kemm wiehed ghandu jdum isahhan ic-cikkulata ghax hu jahdem bl-esperjenza u jhoss it-temperatura b'subghajh ghax kien hekk mghallem. Din kienet l-ewwel darba li xtara cikkulata biex johrog "chocolate bars". Ic-cikkulata li ordna fil-fatt kienet "milk chocolate".

Meta wiehed jara l-process li uza l-konvenut imbaghad jifli r-rapport imhejji mill-espert tekniku Joseph Pace, jirrizulta inkonfondibilment li l-konvenut ma kellux n-"know how" u l-ghodda mehtiega biex jipproduci t-tip ta' cikkulata li ried jipproduci. Ir-rizultat mhux mistenni li ottjena l-konvenut ma kienx dovut ghac-cikkulata li giet konsenjata lilu izda ghal nuqqasijiet imputabbli lilu biss. Apparti dan ma tistax ma tigix notata x-xiehda ta' Amabile Agius, salesman mas-socjeta` attrici, li sostna li fl-istess zmien ghamlu konsenji ta' l-istess kwalita` ta' cikkulata li kienu kkonsenjaw lill-konvenut u ma kellhomx ilmenti. Semma' wkoll li mill-istess batch li taw lill-konvenut u fl-istess gurnata taw lil certu Emanuel Zarb mill-Mosta li qatt ma lmenta.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li l-konkluzjonijiet peritali ghandhom jigu adottati pjenament u t-talba attrici tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad il-kontro-talba tieghu u tilqa' t-talba attrici u konsegwentement tikkundanna lill-

konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma mitluba ta' Lm502 bl-imghax kif mitlub. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Onor. Imhallef David Scicluna**

**D/Registratur**